MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2010

Appell Kriminali Numru. 446/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Jeffrey Cilia)**
**Vs**
**Brian Agius**
**Omissis**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli
1. F’xi hin matul il-lejl ta’ bejn l-24 u l-25 ta’ Novembru, 2000, fil-Mosta, bil- hsieb li jaghmel delitt u cioe’ dak ta’ serq mill-hanut Netware, wera’ dan il- hsieb b’atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w ndipendenti mill-volonta’ tieghu, w, li kieku sehh, kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, hin u valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1,000.00) ghad-detriment ta’ Carmel Caruana;

2. f'xi hin matul il-lejl ta' bejn l-24 u l-25 ta' Novembru, 2000, f'Birkirkara, bil- hsieb li jaghmel delitt, u cioe' dak ta' serq minn go *Showroom* numru 37, Triq Santa Marija, wera' dan il-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghall- esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w ndipendenti mill-volonta' tieghu, w, li kieku sehh, kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, hin, u valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1,000.00) ghad-detriment ta' tal-kumpanija Western Agency Co Ltd;

3. fl-istess data, hin, lokalitajiet, u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara taccedi l-hamsin lira Maltin (Lm50.00) izda mhux il-hames mitt lira Maltin (Lm500.00) ghad-detriment ta' Carmel Caruana tal-kumpanija Western Agency Co Ltd;

4. sar recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija lilhom mill-Qrati ta' Malta, diversament preseduta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra;

5. talli f'xi hin matul il-lejl ta' bejn l-24 u l-25 ta' Novembru, 2000, fis-Siggiewi, ikkommetta serq ta' vettura ta' l-ghamla Ford Escort LAI 515, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin, xorta tal-haga misruqa w valur li jeccedi l- mitt lira Maltin (Lm100.00) izda mhux l-elf lira Maltin (Lm1,000.00) ghad- detriment ta' Lawrence Salerno;

6. fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, xjentement b'kull mod li jkun, laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misurqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b' reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b' kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxiehom;

7. nhar il-25 ta' Novembru, 2000, ghall-habta ta' l-erbgha ta' fil-ghodu, f' San Gwann, ikkommetta serq ta' vettura ta' l-ghamla Austin Mini Minor HAE 859, liema serq huwa kwalifikat bil-hin, xorta tal-haga misruqa w

valur li jeccedi l-mitt lira Maltin (Lm100.00) izda mhux l-elf lira Maltin (Lm1,000.00) ghad-detriment ta’ Emanuel Caruana.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tad-19 ta’ Novembru, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 18, 261(c)(g), 267, 271(g), 278, 279 w l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati ta’ serq aggravat u tar-recidiva, w wara li kkunsidrat l-ammissjonijiet u dak kollu premess, illiberatu mill-kumplament ta’ l-akkuzi migjuba kontra tieghu, w cioe’ dak ta’ attentat ta’ serq, hsara volontarja w ricettazzjoni, li ma gewx ippruvati, w ikkundannatu ghall-piena karcerarja effettiva ta’ tmintax (18)-il xahar wara li rat ukoll l-artikoli 17, 18 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-1 ta’ Dicembru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata, billi filwaqt li tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellant hati ta’ l-erbgha, l-hames u s-seba’ imputazzjoni w illiberatu mill-ewwel, it-tieni, t-tielet u s-sitt imputazzjoni, tvarja l-piena nflitta billi timponi piena aktar ekwa w gusta ghall-fatti speci tal-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, jikkonsistu fis-segwenti :-
Illi dan l-appell qed ikun limitat biss ghal dak li jikkoncerna l-piena. Illi f’dan is-sens l-appellant jilmenta li, tenut kont tac-cirkostanzi speci tal-kaz, il-piena karcerarja nflitta fuqu kienet wahda eccessiva, w ghalhekk fid-dawl ta’ dak sottopost, l-appellant jissottometti li setghet tigi mposta piena hafna aktar ekwa w gusta, li mhux wahda karcerarja.
Illi l-Ewwel Qorti sahqet fuq l-aspett retributtiv u deterrent tal-piena, ma tatx l-importanza misthoqqa lill-aspett

riformattiv, u ghalhekk il-piena nflitta, kemm fil-kwalita' taghha w sussidjarjament u minghajr pregudizzju fil-kwantita' ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accenat u accettat, fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zmijiet ta' llum.

Illi llum l-appellant huwa persuna totalment riformata, w dan kif indika ampjament minn l-istess xhieda prodotti mid-difiza. Id-direttur tal-habs, bla tlaqlieq, sahaq fuq l-imgieba tajba ta' l-appellant tul il-perjodu kemm ilu arrestat. Inoltre l-istess Direttur tal-Habs, kif ukoll Fr. Pulis, xhud iehor prodott mid-difiza, it-tnejn spjegaw illi l-appellant jahdem. Fr. Pulis spjega wkoll illi ilu jaf lill-appellant sa minn meta kien gewwa Dar San Guzepp. Bil-gurament tieghu spjega illi kienu c-cirkostanzi sfortunati tal-hajja illi wasslu lill-appellant biex iwettaq ir-reati. Illum huwa persuna responsabbli, w fil-fatt kull sold li jaqla mix-xoghol tieghu gewwa l-habs, kien jibghathom lit-tfajla tieghu illi minnha ghandu wkoll iben minuri. Oht Brian, Maryanne Agius, ukoll spjegat illi l-appellant spicca f' hajja ta' kriminalita' sforz ic-cirkostanzi xejn felici tal-familja taghhom. Hija spjegat kif huhom iehor kien kontinwament jhedded lil Brian illi jsawwat lilu u l-ommu jekk ma jgibulux flus u ghalhekk l-appellant ma kienx ikollu triq ohra hlief li jgiblu l-flus billi jisraq u dan biex jevita milli hu, kif ukoll ommu jaqilghu xebgha.

Ghal dawn ir-ragunijiet, l-appellant ihoss illi l-Ewwel Qorti kellha tkun ferm aktar klementi mieghu, allavolja l-fedina penali tieghu bhala fatt hija dik li hi. Dan peress illi llum huwa persuna differenti illi kellu jinghata cans iehor.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi dan l-appell hu limitat ghall-piena erogata mill-Ewwel Qorti w, kif dejjem gie ritenut, din il-Qorti, bhala qorti ta' revizjoni, normalment ma tiddisturbax id-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti fl-applikazzjoni tal-piena, sakemm dik il-piena ma tkunx tezorbita mill-parametri tal-ligi jew ma tkunx manifestament wahda esagerata. (Ara. "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella**" [14.6.1999], "**Ir-**

**Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**" [24.4.2003] u ohrajn).

Illi l-piena ghar-reat ta' serq aggravat bil-valur (li ma jeccedix l-LM1000 ossia E2329.40) u bix-xorta tal-haga misruqa skond l-artikoli 261( c ) (g) , 267, 271 (g) 278 u 279 tal-Kap. 9, citati fil-parti dispozittiva tas-sentenza appellata hija dik ta' minn hames xhur sa tlitt snin pigunerija, izda din ma tinghatax fil-minimu taghha. Dan ifisser li l-minimu tal-piena hu dak ta' ghaxar xhur u ghaxart ijiem prigunerija, skond l-artikolu 20. (36 xahar – 5 xhur = 31 xahar li 1/3 tieghu = 10 xhur u 10 ijiem). Pero', stante li dan hu reat kontinwat, skond l-artikolu 18 ukoll citat fis-sentenza, l-piena tista' tizdied bi grad jew tnejn. Dan igib ghall-piena ta' bejn 13 il-xahar sa erba snin jekk iz-zieda tkun ta' grad u ta' tmintax il-xahar (li hi ezattament il-piena li nghatat) sa hames snin, jekk tizdied b' zewg gradi. Hemm umbaghad l-addebitu tar-recidiva li skond l-artikolu 50 izid il-piena bi grad iehor ghall-massimu ta' sitt snin u minimu ta' sentejn jew tlitt snin skond kemm tkun iz-zieda minnhabba r-reat kontinwat. Ghalhekk ma hemm dubju li l-piena erogata kienet pjenament in regola w entro l-parametri tal-ligi.

Illi dwar l-aggravju li l-Ewwel Qorti ma tatx l-importanza misthoqqa lill-aspett riformattiv u sahqet fuq l-aspett retributtiv u deterrent tal-piena, jinghid li dan mhux korrett ghax l-Ewwel Qorti qalet testwalment hekk:-

*"Dwar il-piena din il-Qorti hasbet fit-tul fuq dak li ghandha tkun il-piena idonea ta' kull imputat, tenut kont ta' dak li gie redatt fil-pre-sentencing report tat-tnejn u dak li semghet fix-xiehda prodotta dwar il-piena. Bla dubju ta' xejn dawn iz-zewg guvintur kienu t-tnejn afflitti minn problemi personali serji. Pero' din il-Qorti, wara li ezaminat il-fedina penali taghhom w ikkonsidrat l-opportunitajiet kollha lilhom moghtija, thoss li l-piena idonea ghandha tkun wahda karcerarja effettiva li pero' in vista tal-progress* ***, specalment li sar fil-konfront ta' Brian Agius,*** *ser izomm fil-minimu taghha."* (emfasi ta' din il-Qorti)

Ghalhekk l-Ewwel Qorti altru milli kkonsidrat il-*pre-sentencing report* u l-progress li seta' kien ghamel l-appellant qabel ma ssentenzjatu ghall-piena minima kif fuq spjegat.

Din il-Qorti qieset is-sottomissjonijiet li saru fir-rikors tal-appell fejn gew citati brani shah minn sentenzi ta' din il-Qorti (diversament preseduta) li jiggustifikaw jew tnaqqis fil-piena jew addirittura l-applikazzjoni ta' provvedimenti bhal *probation* jew sentenzi sospizi anki f' kaz ta' persuni b' kondotta refrattarja.

Bhas-soltu din il-Qorti – minhabba d-dilungar esagerat li qed ikun hemm fil-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali  biex tinghata sentenza [ f' dal-kaz il-process ha seba snin biex wasal quddiem din il-Qorti] - issib ruha konfrontata b' dilemma dwar x' ghandha tkun is-sentenza, specjalment meta fil-mori tal-process il-hati jkun ta' prova ta' progress biex jirriforma ruhu, kif l-Ewwel Qorti kkoncediet li gara fil-kaz tal-appellant.

Pero' l-Qorti trid tara necessarjament l-antecedenti penali tal-istess appellant li ma huma xejn felici. Hu gie misjub hati mill-Qrati mhux inqas minn tnax il-darba ta' reati serji, u partikolarment tar-reat kontinwat ta' serq aggravat, fejn kienu involuti numru kbir ta' serqiet u ta' ikkagunar ta' danni volontarji. Wara diversi sentenzi ta' liberazzjonijiet kondizzjonali, *probation*, multi w ta' prigunerija sospiza, l-appellant sahansitra kien gie kundannat darba ghall-erba' snin u darba ghall-tmin snin prigunerija.

Fl-ikkalibrar tal-piena il-Qorti trid tara l-fattispecji tal-kaz li jkun u ftit li xejn tista' tigi gwidata minn dak li jkun gie deciz minn Qrati ohra f' kazijiet fejn il-fattispecji jkunu differenti. Certament li f' dan il-kaz ma setax jigi applikat xi provvediment ta' sentenza sospiza ladarba l-appellant instab hati tar-recidiva. L-alternattiva tal-*probation,* ghalkemm ma hix prekluza bil-ligi kif inhi, ma hix indikata fil-fehma ta' din il-Qorti, meta provvedimenti simili ma kienu servew ghal xejn fi proceduri precedenti.

Ghal dawn il-motivi ma tara li hemm ebda r-raguni ghala ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fl-erogazzjoni tal-piena.

Ghaldaqstant l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------